# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 23 ta' Novembru, 2000**

**Numru: 2**

**Citazzjoni Numru: 607/83 JF**

**Anthony Montebello**

**vs**

**Carmelo Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet ncecessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li fuq inkarigu tal-attur, f'Mejju, 1981, il-konvenut ittrasporta

minn Glasgow, Skozja ghal Malta “excavator” tal-marka “JCB 80 7B”, proprjeta’ tal-istess attur.

U premess li ma’ tul tali tragitt il-konvenut bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta’ hila, ikkaguna danni konsiderevoli lill-istess “excavator”, kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

U premess li ghalkemm interpellat anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 18 ta’ Frar, 1983, il-konvenut naqas milli jaddivjeni ghall-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta’ danni minnu kagjonati lill-attur.

Talab li :

1. Jigi dikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi l-konvenut kien responsabbli ghall-hsarat kagjonati lill-“excavator” fuq indikat fit-tragitt minn Glasgow, Skozja ghal Malta, f’Mejju, 1981 u ghalhekk ukoll responsabbli ghall-konsegwenti danni sofferti mill-attur.

2. Din il-Qorti tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur, occorrendo permezz ta’ periti nominandi.

3. Finalment din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont bhala danni sofferti, in forza tat-tieni domanda ta’ din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mal-prezenti, kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Fenech fejn eccepixxa:

1. Illi qabel xejn il-konvenut ma jiftakarx jekk l-"excavator" (tal-marka 'JCB 80 7B' hux l-istess wiehed li huwa kien ittrasporta minn Glasgow ghal Malta u dan peress li dan it-trasport sar f'April 1981 u hu m'ghandux dokumenti relattivament ghal dan l-"excavator". Ghalhekk qabel xejn trid issir l-verifika relattiva dwar l-identifikazzjoni ta' dan l-"excavator", u dan fid-dawl tal-fatt li rrizultalu lill-konvenut illi l-attur ghandu "excavator" iehor.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-konvenut ezercita' l-grad ta' diligenza rikjesta mill-ligi waqt it-trasport ta' "excavator" tal-konvenut liema "excavator" wasal Malta fil-25 ta' April 1981 peress li dan kien gie migbud mill-Volvo "Tractor Unit" li dahlet f'dik id-data (Dok. A). Il-konvenut qatt ma saq l-"excavator" tal-attur ghaliex dan ingieb fuq "low loader" u kien marbut skond l-arti u s-sengha. Kien l-attur stess li xi jiem wara li ha in konsenja minn ghand il-konvenut dan l-"excavator" illi qalbu fejn il-Knisja tal-Mosta, u dan wara ftit metri minn fejn kien hallihulu l-konvenut. Ghalhekk il-konvenut ma ghamel l-ebda

dannu f'dan l-"excavator" u mhux responsabbli ghal xi danni li jista' fih.

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju, il-konvenut qatt ma gie interpellat wara April 1981 mill-attur dwar l-allegati danni, u kien biss fit-18 ta' Frar 1983 li hu rcieva l-ittra ufficjali minn ghand l-attur (Dok. B). Ghalhekk il-konvenut ma jistax jirrispondi ghal l-allegati danni meta bejn il-perjodu msemmi l-attur baqa' jahdem b'din l-"excavator" u f'certi okkazjonijiet din ma ntuzatx skond is-sengha.

4. Illi l-kawza odjerna giet istitwita wara li l-konvenut ottjena l-hrug ta' mandat ta' qbid kontra l-attur in esekuzzjoni tas-sentenza fil-kawza (Carmelo Fenech vs Anthony Montebello) deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 Novembru 1982 dwar bilanc ta' prezz tal-"low loader" li fuqu kien ingarr l-"excavator" in kwistjoni, u ghalhekk il-konvenut jeccepixxi illi l-kawza odjerna hija ta' natura vessatorja u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur. L-attur kien qaghad ihallsu b'akkonti l-ispejjez tal-garr ta' din l-"excavator" u l-prezz tal-"low loader" gja msemmi u qatt ma qal xejn dwar l-allegati danni. Kien biss meta kien fadallu jhallas lill-konvenut l-ahhar erba' mitt lira (Lm400) tal-"low loader", illi l-attur ittrattjena l-hlas u fil-fatt kellha ssirlu kawza u ntrebhet mill-konvenut odjern. Issa l-attur qed jippretendi tal-anqas elf u mitejn lira (Lm1,200) hsara skond kif ikkawtela ruhu permezz tal-mandat ta' sekwestru numru 673/83 li hareg fit-18 ta' Mejju 1983 kontra l-konvenut, u

dan meta' setgha facilment jittratjeni ammont ekwivalenti ta' pagamenti li hu kellu jhallas u effettivament hallas lill-konvenut kif gja inghad. Dan juri illi l-pretensjonijiet tal-attur fil-kawza odjerna huma merament fittizji u vessatorji.

5. Illi wkoll minghajr pregudizzju, il-konvenut izomm ferm/li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi d-domanda attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 32 tal-Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road, (CMR) 1956, li hu applikabbli ghall-kaz – skond dan l-artikolu "the period of limitation for an action arising out of carriage under this Convention shall be one year".

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom, flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat li kwantu ghall-eccezzjoni ulterjuri dwar preskrizzjoni sollevata mill-konvenut dina giet deciza b'sentenza in parte ta' din il-Qorti moghtija fit-12 ta' Dicembru 1996 (ara fol. 144 – 151 tal-

process) fejn l-istess eccezzjoni giet respinta bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Illi b'decizjoni ohra in parte moghtija fil-15 ta' Ottubru 1999 (ara fol. 188 – 199 tal-process) din il-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-meritu, laqghet l-ewwel talba attrici bil-kap tal-ispejjez spartit kif hemm deciz.

Illi bil-precitata tieni decizjoni, il-Qorti ordnat lill-partijiet biex iressqu l-provi taghhom dwar it-tieni u t-tielet talba ta' l-attur, u cjoe':

1. Il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur,
2. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas id-danni hekk likwidati.

Jidher ovvju li t-tieni domanda surreferita hija konsegwenzjali u ghal kollox dipendenti fuq l-ewwel talba.

Il-Qorti stenniet lill-partijiet kontendenti, u partikolarment lill-attur, stante li hu kien qieghed jallega li sofra danni, li jressaq il-provi tieghu, pero' l-ebda naha ma ressqet provi ulterjuri dwar dawn iz-zewg talbiet.

Illi minn dak li kienu rrelataw il-periti gudizzjarji, jirrizulta lid-danni ta' l-attur kienu jikkonsistu fil-"prezz tat-tiswija shiha li grat wara li l-

'welding' li ghamel Alessio Vella faqqa' u sar xoghol definitiv minn St. Joseph Engineering Works".

L-attur xehed li wara li kien sar ix-xoghol minn Alessio Vella, li kien inutli, li huwa ha stima ghal xoghol rimedjali min-naha tal-Malta Drydocks u li dawna talbuh Lm1,700 sabiex isewwu u riedu wkoll li huwa (i.e. l-attur) izarmalhom u johdilhom l-parti danneggjata. Minflok, l-attur (ara fol. 49 et seq tal-process) xehed li wara li zarma l-"excavator" gab u inkarika lil "St. Joseph Engineering" biex taghmillu it-tiswijiet mehtiega u li din is-socjeta' jghid li "haditlu xi Lm1,200" – jigifieri Lm500 anqas mill-ewwel stima. Aktar tard, in kontro-ezami (ara fol. 54), l-attur jippreciza li fuq il-"low loader" hallas "xi Lm1,000", jigifieri Lm100 anqas mill-ewwel figura li semma'. L-attur jghid li huwa qatt ma nghata ricevuta minghand is-St. Joseph Engineering pero' zamm notament ta' xi pagament li ghamel lill-konvenut akkont tax-xiri tal-makkinarju. L-attur ma gie bl-ebda mod kontradett mill-konvenut dwar din in-nefqa. Fic-cirkustanzi ghalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi ghandu jirrizulta li b'kollox l-attur sofra danni fl-ammont ta' elf u mitt lira (Lm1,100). Huwa jghid li kellu spejjez ta' uzu ta' crane u spejjez ancillari, oltre li jghid li ha hsieb li jzarma l-makkinarju, imma provi sodi f'termini pekunjarji dwar dawn il-partiti xoghol baqa' ma ressaqx. Seta' kien ukoll il-kazi sakemm saret it-tiswija, l-attur gie li tilef l-uzu tal-makkinarju imma lanqas hawn ma jidher li l-attur ghamel xi accenn jew reklam dwar dan. Ghalhekk

jidher li komplessivament id-danni attrici kienu jammontaw ghas-somma ta’ Lm1,100.

Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt li taghmel riferenza ghas-sentenzi precedenti imsemmijin fil-korp ta’ din id-decizjoni, tilqa’ wkoll it-tieni u t-tielet domandi attrici kif dedotti, b’dana li ghall-fini tat-tieni domanda qeghda tillikwida l-ammont ta’ Lm1,100 (elf u mitt lira Maltin) per saldu, bl-ispejjez gudizzjarji relativi kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md